2026/1096

18.5.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/1096

## tal-11 ta' Mejju 2026

## dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE (Superviżjoni ta' ċerti amministraturi ta' parametri referenzjarji mill-ESMA)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) (il-"Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE.

(3) Jenħtieġ li r-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2022/804 ([3]), (UE) 2022/805 ([4]) u (UE) 2024/1705 ([5]) li jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

(4) Għalhekk jenħtieġ L-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj.
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/804 tas-16 ta' Frar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika r-regoli ta' proċedura għal miżuri applikabbli għas-superviżjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ta' ċerti amministraturi ta' parametri referenzjarji (ĠU L 145, 24.5.2022, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/804/oj).
([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/805 tas-16 ta' Frar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika t-tariffi applikabbli għas-superviżjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ta' ċerti amministraturi ta' parametri referenzjarji (ĠU L 145, 24.5.2022, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/805/oj)
([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1705 tal-11 ta' Marzu 2024 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/805 fir-rigward tal-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ċerti amministraturi tal-parametri referenzjarji (ĠU L, 2024/1705, 18.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1705/oj).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Mejju 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

ABBOZZ

**TA' DEĊIŻJONI Nru .../... TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**ta' ...**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-"Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/804 tas-16 ta' Frar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika r-regoli ta' proċedura għal miżuri applikabbli għas-superviżjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ta' ċerti amministraturi ta' parametri referenzjarji ([1]) jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/805 tas-16 ta' Frar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika t-tariffi applikabbli għas-superviżjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ta' ċerti amministraturi ta' parametri referenzjarji ([2]) jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1705 tal-11 ta' Marzu 2024 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/805 fir-rigward tal-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ċerti amministraturi tal-parametri referenzjarji ([3]) jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31lzb (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1848):

"31lzc. **32022 R 0804**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/804 tas-16 ta' Frar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika r-regoli ta' proċedura għal miżuri applikabbli għas-superviżjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ta' ċerti amministraturi ta' parametri referenzjarji (ĠU L 145, 24.5.2022, p. 7).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 2(1), il-kliem 'u, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.

([1]) ĠU L 145, 24.5.2022, p. 7.
([2]) ĠU L 145, 24.5.2022, p. 14.
([3]) ĠU L, 2024/1705, 18.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1705/oj

(b) Fl-Artikolu 3:

(i) fil-paragrafi 1 u 6, il-kliem ‘u, skont il-każ, lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘ESMA’;

(ii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 2:

‘Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, meta fajl ma jkunx komplut, l-ESMA għandha tinforma lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA b’dan. L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tagħmel talba motivata għal dokumenti addizzjonali lill-uffiċjal tal-investigazzjoni.’;

(iii) fil-paragrafu 3, il-kliem ‘jew, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘din’;

(iv) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 4:

‘Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fejn l-ESMA ma taqbilx mas-sejbiet tal-uffiċjal tal-investigazzjoni, hija għandha tinforma lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA b’dan. L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tippreżenta dikjarazzjoni ġdida tas-sejbiet lill-persuna soġġetta għall-investigazzjoni. Dik id-dikjarazzjoni tas-sejbiet għandha tistabbilixxi limitu ta’ żmien ta’ mill-inqas erba’ ġimgħat li matulu l-persuna soġġetta għal investigazzjoni tista’ tagħmel is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha. L-ESMA, qabel ma tħejji abbozz għall-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, jew l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA ma għandhiex tkun obbligata tqis sottomissjonijiet bil-miktub li jaslu wara l-iskadenza ta’ dak il-limitu ta’ żmien għall-adozzjoni ta’ deċiżjoni dwar l-eżistenza ta’ ksur u dwar miżuri superviżorji u l-impożizzjoni ta’ multa f’konformità mal-Artikoli 48e u 48f tar-Regolament (UE) 2016/1011.’;

(v) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 5:

‘Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, meta l-ESMA taqbel mas-sejbiet kollha tal-uffiċjal tal-investigazzjoni jew ma’ xi whud minnhom, din għandha tinforma lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA dwar dan. L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma lill-persuna soġġetta għal investigazzjoni kif xieraq. Tali komunikazzjoni għandha tistabbilixxi limitu ta’ żmien ta’ mill-inqas ġimgħatejn f’każ li l-ESMA taqbel mas-sejbiet kollha, u mill-inqas erba’ ġimgħat f’każ li l-ESMA ma taqbilx ma’ xi whud mis-sejbiet, f’liema perjodu l-persuna soġġetta għal investigazzjoni tista’ tagħmel sottomissjonijiet bil-miktub. L-ESMA, qabel ma tħejji abbozz għall-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, jew l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA ma għandhiex tkun obbligata tqis sottomissjonijiet bil-miktub li jaslu wara l-iskadenza ta’ dak il-limitu ta’ żmien għall-adozzjoni ta’ deċiżjoni dwar l-eżistenza ta’ ksur u dwar miżuri superviżorji u l-impożizzjoni ta’ multa f’konformità mal-Artikoli 48e u 48f tar-Regolament (UE) 2016/1011.’;

(vi) fil-paragrafu 7, il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘ESMA’.

(c) Fl-Artikolu 4:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘ESMA’;

(ii) Fil-paragrafu 4, il-kliem ‘u, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘ESMA’.

(d) Fl-Artikolu 5:

(i) fil-paragrafu 1, fil-paragrafu 2, l-ewwel u t-tieni subparagrafi, fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu u fil-paragrafu 4, il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA,’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘ESMA’;

(ii) fil-paragrafu 2, it-tielet u r-raba’ subparagrafi, il-kliem ‘u, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘ESMA’;

(iii) fil-paragrafu 3, is-subparagrafu li ġej għandu jidħol wara t-tieni subparagrafu:

‘Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, meta l-ESMA tqis, wara li tkun semgħet lill-persuna soġġetta għad-deċiżjoni interim, li jkun sar ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 38g(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 mill-persuna soġġetta għad-deċiżjoni interim, hija għandha tinforma lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA b’dan. L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tadotta deċiżjoni konfermatorja li timponi miżura superviżorja waħda jew aktar stabbiliti fl-Artikolu 48e tar-Regolament (UE) 2016/1011. L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-ESMA għandha tinnotifika minnufih din id-deċiżjoni lill-persuni soġġetti għad-deċiżjoni interim.’.

(e) Fl-Artikolu 6:

(i) il-kliem ‘u, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-ewwel darba li tintuża l-kelma ‘ESMA’;

(ii) il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara t-tieni darba li tintuża l-kelma ‘ESMA’;

(f) Fl-Artikolu 7:

(i) Fil-paragrafu 3, il-kliem ‘u, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, mill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-ewwel darba li tintuża l-kelma ‘ESMA’.

(ii) fil-paragrafu 3, il-kliem ‘jew, skont il-każ, tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara t-tieni darba li tintuża l-kelma ‘ESMA’;

(iii) Fil-paragrafu 5, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

‘It-terminu ta’ preskrizzjoni biex jiġu imposti multi u ħlasijiet perjodiċi ta’ penali għandu jiġi sospiż sakemm id-deċiżjoni tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA tkun soġġetta għal proċedimenti quddiem il-Qorti tal-EFTA f’konformità mal-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta’ Awtorità ta’ Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.’.

(g) Fl-Artikolu 8, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) fil-paragrafi 1 u 3, il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘ESMA’;

(ii) fil-paragrafu 5(b), il-kliem 'jew, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, rieżami mill-Qorti tal-EFTA f'konformità mal-Artikolu 35 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'tar-Regolament (UE) 2016/1011'.".

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31lzc (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/804):

"31lzd. **32022 R 0805**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/805 tas-16 ta' Frar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika t-tariffi applikabbli għas-superviżjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ta' ċerti amministraturi ta' parametri referenzjarji (ĠU L 145, 24.5.2022, p. 14), kif emendat bi:

— **32024 R 1705**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1705 tal-11 ta' Marzu 2024 (ĠU L, 2024/1705, 18.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1705/oj).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 1, l-Artikolu 2a, il-punt (b) u l-Artikoli 4(3), 5, 8(2), 9 u 10, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.

(b) Fl-Artikolu 3(3), il-kliem 'jew, skont il-każ, tan-nota ta' debitu tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'tan-nota ta' debitu tal-ESMA'.

(c) Fl-Artikolu 5, il-kliem 'jew, skont il-każ, in-nota ta' debitu rilevanti tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'tan-nota ta' debitu rilevanti tal-ESMA'.;

(d) Fl-Artikolu 7:

(i) fil-paragrafu 2, il-kliem 'jew, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-imgħax ta' inadempjenza msemmi fil-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'tal-Kunsill';

(ii) il-paragrafi li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-paragrafu 2:

'3. Bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika ġejjin mill-applikazzjoni tar-regolamenti speċifiċi, kull ammont li għandu jitħallas li ma jitħallasx sal-iskadenza għandu jeħel imgħax f'konformità mal-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu.

4. Ir-rata ta' mgħax għal ammonti riċevibbli u li ma jiġux imħallsa lura fid-data ta' skadenza stipulata għandha tkun ir-rata applikabbli mill-Bank Ċentrali Ewropew fl-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' rifinanzjament, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tkun fis-seħħ fl-ewwel ġurnata kalendarja tax-xahar li fih taqa' d-data ta' skadenza stipulata, miżjuda:

(a) bi tmien punti perċentwali meta l-avveniment li jobbliga jkun kuntratt ta' provvista jew kuntratt ta' servizz;

(b) bi tliet punti perċentwali u nofs fil-każijiet l-oħrajn kollha.

5. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat mill-jum kalendarju ta' wara d-data ta' skadenza sal-jum kalendarju li fih id-dejn jitħallas lura kollu.

L-ordni ta' rkupru li tikkorrispondi għall-ammont tal-imgħax awtomatiku tinħareġ meta dak l-imgħax fil-fatt jitħallas.

6. F'każijiet li fihom ir-rata tal-imgħax ġenerali tkun negattiva, din għandha tiġi stabbilita għal żero fil-mija.'.

(e) Fl-Artikolu 8, il-kliem ‘jew, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, tal-fattura mill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘tal-fattura tal-ESMA’;

(f) F’Artikolu 10(2) għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

‘Meta, fir-rigward tal-amministraturi ta’ parametri referenzjarji ta’ importanza kritika stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tirrimborża lil awtorità nazzjonali kompetenti, l-ESMA għandha tagħmel disponibbli, mingħajr dewmien, l-ammonti li għandhom jiġu rimborżati lill-amministratur ta’ parametru referenzjarju ta’ importanza kritika lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għal dak l-għan.’.”.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2022/804, (UE) 2022/805 u (UE) 2024/1705 bil-lingwa Iżlandiża u b’dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/ … ta’ ([4]) li tinkorpora {ir-Regolament (UE) 2019/2175} fil-Ftehim ŻEE, skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu taż-ŻEE.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji*

*Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) [Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]
([4]) ĠU L, …, ELI: …